**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A44/10

16 ta' Ġunju 2010

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/44**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir nhar **L-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Mozzjoni – *Accountant* tal-Kunsill
5. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
6. Diskussjoni u approvazzjoni tal-Kuntratt mal-*Gzira United Football Club*
7. Diskussjoni dwar l-*audit,* l-*e-mails* skambjati u approvazzjoni tal-*Financial Statements*
8. Diskussjoni u approvazzjoni dwar *Computer Courses*
9. Diskussjoni u approvazzjoni dwar servizz ta' *mobile toilet* matul ix-xhur sajfin
10. Diskussjoni dwar il-kuntratt attwali tal-*Patching and Pavement Reinstatement Works*
11. Affarijiet Oħra
12. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

21 ta' Lulju 2010

Ref Nru.Klg5/044

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/44 li saret l-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

**Preżenti**

Erba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Grech u Ian Micallef flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attenda għall-parti mill-laqgħa, l-*Accountant* Antoine Portelli.

**Skużati**

Il-Kunsillier Anthony Abela minħabba mpenn personali, l-Kunsillier Malcolm Camilleri minħabba mpenn ta' xogħol filwaqt li l-Kunsillier Victor Rutter kien l-isptar.

***Chaiman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-16 ta' Ġunju 2010.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret l-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2010, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**2. Materji Konnessi**

**2.1.** Ma kienx hemm materji konnessi.

**2.2.** Minħabba li kien wasal l-*Accountant* Antoine Portelli, l-Kunsill qabel unanimament li *item* Nru: 4 ta' l-*Agenda* tiġi diskussa darba oħra filwaqt li tiġi diskussa item Nru: 7.

**7. Diskussjoni dwar l-*Audit*, l-*e-mails* skambjati u approvazzjoni tal-*Financial Statements*.**

**7.1.** L-*Accountant* Antoine Portelli ta rendikont tal-laqgħa li kellu fl-14 ta' Ġunju 2010, flimkien ma' l-awditur u s-Segretarju Eżekuttiv fejn fost affarijiet oħra qal, li r-*reconciliations* kienu ġew sottomessi lill-awditur kif ukoll, flimkien kienu daru l-*groupings* iżda l-awditur insistiet għall-*opening trial balance* (April 2009).

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-Kunsill kien bagħat *trial balance* iżda, *Grant Thornton* riedu l-*adjusted trial balance* li kienu għamlu l-*accountant* Antoine Portelli flimkien ma' l-awditur preċendenti Joe Scerri u li kopja tagħha kienet qegħda għand l-*Accountant*.

L-*Accountant* qal, li hu ma kellux din il-kopja u għalhekk, kien tal-fehma li jrid jagħmel kuntatt ma' l-awditur Joe Scerri għalkemm ma setax jifhem kif ma jkunx hemm kuntatt dirett bejn l-awdituri. Huwa xtaq ukoll, li l-Kunsill jinforma lill-awditur (*Grant Thornton*) jekk setgħetx tikkuntattjah għaliex kellha tibgħat *e-mail* sabiex tikkonferma dak kollu li kien ġie diskuss waqt il-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-awditur kienet infurmat li l-laqgħa li saret kienet eċċezzjoni għar-regola u sa dak inhar tal-laqgħa tal-Kunsill, l-uniku *e-mail* li ntbagħtet minn *Grant Thornton,* kienet dik datata 23 ta' Ġunju 2010, dwar affarijiet pendenti li kienu:

- *Opening trial balance as at 1 April 2009*
- *List of expenses deducted directly from Govt. Allocation*
- *Budget 2010*
- *Updated fixed Asset register*

Hi spjegat, li fir-rispett tal-*list of expenses*, kien ha ħsieb jissottometti l-informazzjoni l-Kunsill, l-*accountant* kien diġa ntalab iħejji l-*cash budget*, dwar il-*fixed asset register* kien ġie miftiehem bejn l-*accountant* u *Grant Thornton* li dan jiġi sottomess wara li jkunu konklużi l-*accounts* filwaqt li dwar l-*opening trial balance* dan kien diġa' ġie diskuss aktar kmieni waqt il-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza wkoll, għall-*e-mail* datata 28 t'April 2010, li l-Kunsill kien irċieva minn *Grant Thornton* liema punti mressqa f'din l-*e-mail,* ġew diskussi u kjarifikati waqt l-istess laqgħa li saret fl-14 ta' Ġunju 2010.

Hi rrimarkat, li din is-sena l-*audit* kien differenti u aktar intensiv u fl-opinjoni tagħha kien aktar bħala *interim audit*.

L-*accountant* ikkonferma dak kollu li qalet is-Segretarju Eżekuttiv u żied jgħid, li l-*cash budget* ma jiffurmax parti mill-*Financial Statements*.

Il-Viċi-Sindku rrimarka li t-tħejjija tal-*budget* kienet ferm importanti u dan minħabba l-operat tal-Kunsill u għamel referenza għall-abbozz ta' ftehim mal-*Gżira United Football Club*.

Abazi tal-mistoqsija taċ-*Chairman* dwar id-dokument tal-*Financial Statements*, s-Segretarju Eżekuttiv qalet, li meta l-Kunsill kien irċevieh, hi kienet bagħatet kopja tiegħu lill-Kunsillieri, lin-*National Audit Office* u lill-awdituri *Grant Thornton* u dawn ta' l-aħħar rrimarkaw, li d-dokument (*Financial Statements*) ma kienx komplut u għalhekk, is-Segretarju Eżekuttiv ma kienitx ser tippreżentah meta dan ma kienx għadu komplut.

L-*accountant* qal, li l-awdituri *Grant Thornton* infurmaw, li kien hemm il-*cash flow* nieqes.

F'dan l-istadju ntervjena l-Kunsillier Ian Micallef u staqsa, jekk kienux saru t-*Trial Balances* u l-*Quarterly Reports*.

L-*Accountant* staqsa jekk il-*Quarterly Reports* kellux jagħmilhom hu għax għalih dan kien *news* u xtaq ikun jaf x'kienet ir-raġuni li jridu jsiru dawn ir-rapporti u staqsa wkoll, jekk f'dan l-istadju l-Kunsill riedhomx fuq *accruals jew cash basis*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li dawn ir-rapporti kienu fir-rekwiżiti ta' l-*Expression of Interest* u kienu għadhom ma tlestewx.

Il-Kunsillier Ian Micallef insista li dawn iridu jsiru għaliex huma bħala Kunsilliera kienu responsabbli li dawn r-rapporti jsiru u jiġu ppreżentati waqt il-laqgħa tal-Kunsill u dan tagħmlu ċar il-liġi u jrid jiġi esegwit altrimenti kien

ser jasal fi stadju, li jekk il-proċedura ma tiġix rispettata fejn jidħlu materji relatati mal-finanzi, jibda' jivvota b'riżerva.

Intervjena l-*accountant* u qal, li ma setax jifhem l-attitudni tal-Kunsillier Ian Micallef għaliex il-Kunsill kien diġa' għadda minn sitwazzjoni simili.

Il-Kunsillier Ian Micallef wieġeb, li hu kien qiegħed jikkomunika maċ-*Chairman* u għalhekk, l-*accountant* ma kellux għalfejn jerġa' jkun arroganti miegħu.

Matul l-argument li nqala' bejn l-*accountant* u l-Kunsillier Ian Micallef, dan ta' l-aħħar qal, li l-*Accountant* kellu atteġjament pastaż versus il-Kunsill filwaqt li l-*Accountant* irribbata u qal, li l-Kunsillier Ian Micallef kien aggressive miegħu.

F'dan l-istadju ntervjena ċ-*Chairman* u talabhom jifqu t-tnejn.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal lis-Sindku, li bir-rispett kollu lejh u lejn il-Kunsill, kien ser jitlaq il-barra bi protesta għax hu kellu kull dritt ikun jaf x'infieq seta' jagħmel il-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-*accounts* ma kienux qed isiru kif suppost.

L-*Accountant* telaq minħabba mpenn ieħor.

Iċ-*Chairman* qal, li minħabba l-fatt, li hu mhux intiż dwar din il-materja, l-Kunsill għandu jgħidlu x'jrid isir.

Matul id-diskussjoni li saret, ġew imressqa diversi punti partikuarment li:

- l-*accounts* iridu jintgħalqu mill-aktar fis possibbli
- jrid jiġi mħejjija l-*budget*, t-*trial balances* u l-*quarterly reports*
- l-Kunsill irid isib sistema sabiex jagħmel l-*inputing* ta' l-*invoices* għaliex il-Kunsill kien sitt xhur b'lura

In vista tal-fatt, li l-Kunsill kien diġa' f'sitwazzjoni simili, ċ-*Chairman* talab l-opinjoni tal-Kunsillieri.

Il-Viċi-Sindku qal, li f'dan l-istadju, l-Kunsill irid isib sistema sabiex isir l-*inputing* ta' l-*invoices*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li qabel ma l-*Accountant* jagħlaq l-*accounts* ma setax jinħadem il-*budget* kif ukoll, hemm il-problema tas-*software* u jrid

ilesti r-rapporti kollha li ssemmew fil-laqgħa tal-Kunsill sabiex sussegwentament il-Kunsill ikun jista' jkompli bil-ħidma tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill biex iwaqqaf il-laqgħa minħabba li kien hemm l-*accountant* fuq it-*telephone* u xtaq ikellima urġenti.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

Hi nfurmat, li l-*accountant* kien talaba li l-Kunsill għandu jiddiskuti l-ħlas tiegħu għaliex ma setax ikun li l-Kunsill ikompli jitlob minnu l-affarijiet, mingħajr ma jirċievi ebda ħlas.

Matul id-diskussjoni li saret dwar il-ħlas li għandu jingħata lill-*Accountant*, ġie ssuġġerit li dan jingħata 60% mill-pagament li kien ġie ppreżentant u l-bilanċ ta' 40% jingħata wara li jikkonsenja x-xogħol kollu li jkun għas-sodisfazzjon tal-Kunsill.

Għaldaqstant, ittieħdet il-votazzjoni u r-riżultat kien, tlieta favur li kienu, ċ-*Chairman*, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Anthony Grech filwaqt li l-Kunsillier Ian Micallef astjena.  Għalhekk, il-ħlas ta' 60% mill-pagament seta' jsir b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

Invista ta' dak li kien qed jiġi diskuss qabel ma ntalbet is-sospenzjoni tal-laqgħa, s-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill kien marbut b'kuntratt ma' l-*accountant* u għalhekk dan kien responsabbli minn dak kollu li kien intalab waqt il-laqgħa filwaqt li l-Viċi-Sindku qal, li hu kien ta' l-opinjoni li fl-istess fratemp sakemm isir dak kollu mitlub mill-*Accountant,* il-Kunsill għandu jirrevedi l-applikazzjonijiet kollha li rċieva sabiex jimpjega l-*part-timer* l-ieħor li huwa diġa' approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, pero' bl-*A level* ta' l-*accounts*.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tal-Viċi-Sindku.

**7.2.** Il-Kunsill iddeċieda li jiġu diskussi *items* Nru: 8 u Nru: 9 ta' l-*Agenda*.

**8. Diskussjoni u approvazzjoni dwar *Computer Courses***

**8.1.** Iċ-*Chairman* ta rendikont tal-laqgħat li kellu kemm mad-ditta *TCTC* kif ukoll, mad-ditta *M.I.C.S.* Huwa kompla jgħid, li ż-żewġ ditti kienu qed jitolbu l-ammont ta' €1,100.00 mill-Kunsill, il-kors għandu jibda t-tielet ġimgħa ta' Lulju 2010 u jdum sejjer għal ħames ġimgħat, il-Kunsill irid jipprovdi l-post u l-amministrazzjoni tkun 50% l-Kunsill u 50% id-ditta li tintgħażel.  Huwa qal ukoll, li filwaqt li *TCTC* kienet ser torganizza l-kors *ETFAL* fis-Sajf u qed tippjana l-kors *EFAMILJA* f'Ottubru 2010, id-ditta *M.I.C.S.* kienet ser toffri l-istess kors tas-Sajf li għadda bl-istess prezz u jitħallas ukoll, l-ammont ta' €10 għan-noti liema ammont, kien qed japplika għaż-żewġ ditti.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu kellu nformazzjoni li dawn id-ditti jitħallsu mill-Unjoni Ewropea.

Iċ-*Chairman* qal, li fl-opinjoni tiegħu s-Sur Ray Abela tat-*TCTC* huwa persuna professjonali u l-uniku żvantaġġ kien, li l-kors tas-Sajf kien għat-tfal biss. Huwa kompla jgħid li din id-ditta fetħet ċentru fl-Imsida u s-Sur Abela xtaq jiftaħ wieħed fil-Gżira u jekk il-Kunsill jaqbel, kien qed jissuġġerixxi s-sala tal-Kunsill filwaqt il-kors organizzat mill-*M.I.C.S.* kien miftuħ għal kulħadd.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-uniku ħaġa li kienet qed iddejqu mill-proposta tat-*TCTC* kienet, li l-kors kien għat-tfal biss u dan minħabba l-fatt, li ħafna adulti kienu avviċinawh dwar din il-materja.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li d-ditta *I.T.I.S.* ukoll kienet qed toffri korsijiet tal-*Computer* u ssottomettiet il-proposta iżda, wara diskussjoni qasira, din id-ditta ġiet eskluża.

Il-Kunsillier Ian Micallef kien qed jipproponi li jekk il-Kunsill jagħżel id-ditta *TCTC* dan isir fuq *long term basis*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk il-kors isir fuq *long term basis* kienet qed tissuġġerixxi li tinħareġ *Expression of Interest* għall-servizz ta' *computer tuition.*

Il-Viċi-Sindku staqsa, x'ried ifisser b'*long term basis*.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li jekk il-Kunsill jinvesti f'nies li jattendu għall-proġett EFAMILJA li hu ppjanat li jibda f'Ottubru 2010 u magħhom ikun hemm it-tfal, dan jgħin ħafna. Huwa kompla jgħid, jekk il-kors EFAMILJA jistax isir proġett pilota fil-Gżira.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li jekk isiru żewġ korsijiet, ser ikunu kważi żewġ *direct orders* waħda fis-Sajf u oħra f'Ottubru 2010.

Iċ-*Chairman* ppropona li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li tintgħażel id-ditta *TCTC,* nistgħux nistaqsu jekk jistax jiġi organizzat il-kors tas-Sajf bit-tfal u l-adulti.

F'dan l-istadju, ġiet ikkuntattjata d-ditta hawn fuq imsemmija dwar dak li ppropona ċ-*Chairman*. *TCTC* aċċettat li għall-kors tas-Sajf tilqa' applikazzjonijiet għal ħamsin tifel u tifla u tletin adulti għall-ammont ta' €1,100.00 u kull student irid iħallas €10 għan-noti.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef ma' dak li ġie aċċettat mid-ditta *TCTC.*

**9. Diskussjoni u approvazzjoni dwar servizz ta' *mobile toilets* matul ix-xhur sajfin.**

**9.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienu ntbagħtu tlett kwotazzjonijiet dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi li kienu:

| | |
|---|---|
| *Joe Bonnici & Sons* | *€1,110.97* |
| *Greenlines Env. Serv. Ltd.* | *€2,407.20* |
| *General Cleaners* | *€2,244.00* |

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li tintagħżel il-kumpanija *Joe Bonnici & Sons* għall-ammont ta' €1,110.97 liema ammont jinkludi żewġ *mobile toilets @ €4.50 + VAT* kull wieħed, kuljum + *Delivery/Pick up charge* ta' *€23.50 + VAT* mill-21 ta' Ġunju 2010 sat-30 ta' Settembru 2010.

**5. Approvazzjoni ta' *Request Sheets***

**5.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 1826 sa Nru: 1866 (Ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**5.2.** Kif ġie diskuss aktar qabel f'para Nru: 7, il-ħlas lill-*Accountant*, Antoine Portelli għandu jkun ta' 60% jiġifieri *Request Sheets* (Mejju) Nru: 1809 trid taqra €450.00 u Nru: 1810 trid taqra €1,575.00.

Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 1826 sa Nru. 1866 kif ukoll, il-pagamenti hawn fuq imsemija, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

**6. Diskussjoni u approvazzjoni tal-kuntratt mal-*Gżira United Football Club***

**6.1.** Wara diskussjoni qasira, dwar il-kuntratt (ara *appendix* Nru: 2) hawn fuq imsemmi liema kopja tal-kuntratt kienet intbagħat lil kull Kunsillier, ġie deċiż unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li filwaqt li l-Kunsill qabel unanimament ma' l-abbozz ta' ftehim, dan għandu jiġi mgħoddi għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, sussegwentament ta' liema, l-Kunsill jkun jista' jiffirma dan il-ftehim. (is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv). Kopja ta' din il-korrispondenza għandha tintbagħat lil Onor. Chris Said u l-entitajiet konċernati.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-23 ta' Ġunju 2010 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Inqrat ittra mibgħuta mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali dwar talba sabiex issir manutenzjoni fuq il-fanali li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li din il-materja kienet diġa' ġiet diskussa f'laqgħat preċedenti iżda fuq struzzjonijiet tas-Sindku, hi kienet ċemplet lid-ditta J.F. Mallia Ltd sabiex jibgħatu stima tax-xogħol neċessarju u sallum din kienet għada ma waslitx.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li minħabba l-fatt, li fil-futur qarib kien ser jibda x-xogħol mill-*Works Division* fuq iz-zuntier, fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill kellu jara jekk il-manutenzjoni fuq il-fanali kienitx tagħmel parti minn dan ix-xogħol.

**3.4.** Il-Kunsill qabel unanimament li t-talba ta' spejjeż għall-ħsarat mġarba fuq il-vettura tas-Sur Vincent Muscat ma tistax tintlaqa' sakemm il-każ ma jkunx suffiċjentament pruvat u dan wara l-parir ta' l-Avukat Dott. Ed. Woods.

**3.5.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kors organizzat mill-*E.T.C.* dwar *food handling* li sar fiċ-Ċentru ta' Attivitajiet fid-19 ta' Ġunju 2010, kien suċċess.

**3.6.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-WiFi kien ser jiġi nstallat fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa u għalhekk, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jinxtara arblu u d-ditta Polidano tagħmel ix-xogħol ta' l-elettriku, minħabba l-fatt, li *Polidano Group* kienu ħadu ħsieb jagħmlu s-sistema mill-ġdid ta' l-elettriku meta sar l-*embellishment* tal-Ġnien.

**3.7.** Il-Kunsill qabel unanimament li l-għada tal-festa jiġifieri t-12 ta' Lulju 2010, l-Kunsill ikun magħluq.

**3.8.** Il-Viċi-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti rendikont ta' x'kien ġara' dak inhar tal-laqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mill-Gwardjan Lokali.
Wara li ngħatat din l-ispjegazzjoni, l-Viċi-Sindku qal li kien ser jikteb lill-*Authorised Officer*, s-Sur David Soler dwar dan l-inċident.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal il-Viċi-Sindku.

**3.9.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 10. Diskussjoni dwar il-Kuntratt attwali tal-*Patching & Pavement Reinstatement Works*

**10.1.** Il-Kunsill qabel unanimament, li din l-*item* ta' l-*agenda* tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 11. Affarijiet Oħra

**11.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat korrispondenza mibgħuta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma dwar ħlas għas-*civil works* tal-water mains fit-tlett toroq li l-Kunsill kien ser jagħmel re-surfacing tagħhom, fl-liema risposta, l-Perit Charmaine Cutajar infurmat, li d-deċiżjoni l-għala Kunsill ried jagħmel dawn il-ħlasijiet kienet, li snin ilu l-Kunsill kien ressaq l-istess talba liema proġett qatt ma mmaterjalizza kif ukoll, li l-Korporazzjoni ħadet din id-deċiżjoni li jsir tibdil ta' mains għaliex il-Kunsill iddeċieda li jagħmel full road resurfacing.

Hi qrat ukoll ir-risposta mħejjija mill-Kunsill kif ukoll, talba ta' gwida lill-President ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, s-Sur Michael Cohen, dwar x'kienu l-obbligi tal-Kunsill f'din il-materja.

Il-Kunsill qabel unanimament maż-żewġ risposti u sar kuntatt telefoniku mas-Sur Michael Cohen fejn dan ta' l-aħħar informa li din il-materja kienet għada qed tiġi diskussa mal-Korporazzjoni u kienu qed jiġu mħejjija abbozzi ta' ftehim biex jirregolarizzaw sitwazzjonijiet simili.

## 12. Laqgħa Oħra

**12.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K184/119/10**

**23 June 2010 KLG5/44**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 1826 | Ms Alexandra Galea – Crafts lessons invoice No: 08 – June 2010 | 375.00 | 6610 |
| 1827 | Mr. Joe Borg invoice No: 14 Duck food June 2010 | 46.59 | 6630 |
| 1828 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 33 Door to Door Collection June 2010 | 5,590.50 | 6631 |
| 1829 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 34 Hire of Skips June 2010 | 432.87 | 6632 |
| 1830 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 35 Public Convenience June 2010 | 836.06 | 6633 |
| 1831 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 36 Bulky Refuse 160 Calls May 2010 | 875.84 | 6634 |
| 1832 | Mr. Alfred Baldacchino Transport Attivita' Anzjani | 30.00 | 6635 |
| 1833 | Mr. Alfred Portelli Contract Manager fee April – May – June 2010 | 745.42 | 6636 |
| 1834 | Melita plc – invoice No: 28793284 01.06.10 – 30.06.10 Act. Centre | 7.76 | 6594 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1835** | **ARMS Ltd – invoice No: 12367100 Promenade Grdns 18.9.09-24.11.2009** | **133.50** | **6648** |
| **1836** | **Squire Bookshop Invoice No: 007413 Newspapers – May 2010** | **44.80** | **6649** |
| **1837** | **TACC Trading Co. Ltd. Invoice 679 repair of Electric Jug** | **10.00** | **6589** |
| **1838** | **GO plc invoice No: 23829648 tel No: 322157 Calls May Rent June 2010** | **42.24** | **6593** |
| **1839** | **GO plc invoice No: 23828957 tel No: 341616 Calls May Rent June 2010** | **22.57** | **6592** |
| **1840** | **GO plc invoice No: 23828947 tel No: 334254/341034 calls May Rent June 2010** | **76.78** | **6591** |
| **1841** | **Melita plc invoice No: 28876614 Hello Service 08.06.10 – 07.07.10 + Calls** | **309.97** | **6637** |
| **1842** | **Ms Nathalie Camilleri – June 2010 Librarian Services** | **125.93** | **717 (wages a/c)** |
| **1843** | **Mr. Steve R. Farrugia Inv. No: 10/1378 Sweeping Services on Sunday –May 2010** | **378.52** | **6657** |
| **1844** | **Steve R. Farrugia Inv No: 10/1377 Sweeping-G/Cutting-Mech. Sweeper May 2010** | **4,627.29** | **6658** |
| **1845** | **Alfa Co. Ltd Invoice No: 62645 Rentals + Copies of 2 photocopiers** | **185.49** | **6650** |
| **1846** | **ARMS Ltd Invoice No: 12367098 Gżira Gardens from 18.09.09 – 24.11.2009** | **505.13** | **6651** |
| **1847** | **Għaqda Mużikali Mount Carmel – Advert Fuljett tal-Festa** | **70.00** | **6638** |
| **1848** | **IBIS Group Ltd Invoice No: 2554 – telephone accessories** | **111.73** | **6652** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1849** | **WasteServ Malta Ltd Invoice No: 59560 Recyclable Waste – April 2010** | **3,276.85** | **6639** |
| **1850** | **J.F. Mallia Ltd Invoice No: 396 Maint. Job Nos: 126/7/8/9/30/31/32/33** | **301.56** | |
| **1851** | **D.O.I. Advert GLC002/2010 Mixed H'hold Waste – Tender** | **9.32** | **6590** |
| **1852** | **D.O.I. Advert Quotation GLC 004/2010 Air Conditions** | **9.32** | **6595** |
| **1853** | **D.O.I. Advert Server Rack GLC005/2010** | **9.32** | **6596** |
| **1854** | **Environmental Landscapes Cons. Ltd Inv No: 6242 Maint Soft Areas May 10** | **2,212.92** | **6643** |
| **1855** | **G4S Security Services (Malta) Ltd Inv: GS000240 4 Trips C.I.T.** | **30.44** | **6644** |
| **1856** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice No: 13104 Road Markings Job No: 9642** | **132.84** | |
| **1857** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice No: 13105 Road Markings Job No: 9643** | **339.77** | |
| **1858** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice No: 13106 Road Markings Job No: 9644** | **259.11** | |
| **1859** | **C.S.D. Invoice No: 30756 – Stationery** | **76.27** | **6645** |
| **1860** | **Pace & Mercieca Invoice No: 648124 80 Ltrs Patio Dressing Tile Red** | **322.14** | **6640** |
| **1861** | **The Toolbox Invoice No: 9537** | **23.41** | **6642** |
| **1862** | **J.&K.Contractors Ltd Invoice No: 1121-10 – Patching Works Rue D'Argens** | **17,692.52** | **6602** |
| **1863** | **J.&K.Contractors Ltd Invoice No: 1122-10 Reinstatement Pjazza Meme' Triq il-Kunċizzjoni** | **8,974.65** | **6603** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1864** | **Allied Newspapers Inv. AS1401050**<br>**Adv Tender Mixed H'Hold Waste** | **146.44** | **6641** |
| **1865** | **S.Rausi Trading – as per statement**<br>**dated 03.06.2010 – May 2010** | **60.07** | **6647** |
| **1866** | **Dr. E. Woods Legal Advisor fee**<br>**April – May – June 2010** | **494.76** | **6646** |

**MOZZJONI Nru.Klg5/05**

| | |
|---|---|
| **Lill.** | **Kunsill Lokali Gżira** |
| **Mill-** | **Kunsillier Ian Micallef** |
| **Data.** | **20 ta' Mejju 2010** |
| **Ħin.** | **5.11 p.m.** |

**Dan il-Kunsill Lokali nnota l-korrispondenza mibgħuta kemm mingħand l-Awdituri tal-Kunsill Lokali kif ukoll, mill-Uffiċċju ta' l-Awditur Nazzjonali dwar l-*accounts* tal-Kunsill Lokali Gżira magħmula mill-*accountant* tal-Kunsill Lokali, Antoine Portelli;**

**Innota wkoll, il-proposta magħmula mill-Viċi-Sindku Joe Camilleri u dik magħmula mmedjatament wara, mill-Kunsillier Ian Micallef.**

**Jirrisolvi, li minkejja li l-*accountant* Antoine Portelli ngħata ċans kemm –il darba (minkejja ż-żmien iffissat fil-liġi u l-*memo's* sa meta għandhom ikunu lesti l-*accounts*), naqas milli jagħmel dan fiż-żmien ta' estenzjoni mogħti lilu u għalhekk, poġġa lill-Kunsill Lokali f'pożizzjoni negattiva li skont il-liġi, jista' jkollha effetti serji;**

**Illi jiġi terminat l-inkarigu ta' Antoine Portelli bħala *accountant* tal-Kunsill Lokali b'mod immedjat u dana a bazi ta' l-ineffiċjenza tiegħu kif ukoll, minħaba l-aġir tiegħu fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri;**

**Tinħareġ sejħa mmedjata għall-istess inkarigu;**

**Jinżamm il-ħlas mitlub u wara l-ingaġġ ta' l-*accountant* l-ġdid, ssir valutazzjoni bir-reqqa dwar il-pagament li għandu jingħata anke wara li jiġi konsultat l-konsulent legali tal-Kunsill.**

| | | |
|---|---|---|
| **Proponent** | **Ian Micallef** | **Kunsillier** |
| **Sekondant** | **Malcolm Camilleri** | **Kunsillier** |
| | **Victor Rutter** | **Kunsillier** |
| **Laqgħa Nru.** | **27.05.2010** | **K5/43** |